**23 ta' Ġunju, 1961**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Alfred Salomone, O.B.E. ne.

*versus*

Joseph Balzan

**Esproprijazzjoni — "Old Urban Tenement" — Meta l-awtorità esproprijanti takkwista d-dominju tal-art esproprijata — Art. 25 tal-Kap. 136 — Att XXVII tal-1956.**

*Il-liġi dwar l-esproprijazzjoni tagħti d-definizzjoni ta' "old urban tenement", u tistabbilixxi kif għandu jiġi kalkulat il-kumpens pagabbli mill-awtorità esproprijanti, fuq il-bażi ta' "acquisition rent". Dan il-kumpens hu raggwaljat b'riferenza għall-fond, u mhux għat-titolu jew mod tat-"tenure" tiegħu f'idejn l-esproprijat; u hekk il-kumpens dovut tħares lejn ir-"rental value" jew "yearly rent" tal-fond indipendentement miċ-ċens jew piżijiet oħra li għalihom il-fond ikun suġġett; u dan apparti minn xi "hardship" li l-liġi tista' f'xi każijiet partikulari tikkaġuna bil-kumpens li tippermetti.*

*Il-prinċipju li, fil-każ ta' esproprijazzjoni b'xiri assolut, l-akkwist da parti tal-awtorità esproprijanti ma jfisserx is-sempliċi teħid materjali tal-pussess, iżda t-trasferiment b'att publiku, li hu meħtieġ essenzjalment għall-akkwist tad-dominju, ma japplikax għall-esproprijazzjoni "for possession and use". Fil-każ ta' din l-esproprijazzjoni ma hemmx preskritta l-forma bil-kitba għall-eżistenza tagħha, la skond il-liġi ġenerali u lanqas skond il-liġi speċjali; u l-art li tiġi esproprijata għall-pussess u użu biss għandha titqies li ġiet akkwistata meta l-awtorità kompetenti, wara d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur, fiżikament tieħu pussess leġittimu tagħha taħt idejha u tibda tużaha.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur,

wara li ppremetta illi b'rikors preżentat quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet hu ppremetta illi l-konvenut ġie notifikat b'Dikjarazzjoni tal-Gvernatur fejn ġie dikjarat, fost affarijiet oħra, illi l-biċċa art li tagħmel sehem mill-artijiet ta' Capua Palace, Sliema, inkluż il-bini magħruf bħala Capua Palace, tad-dimensjoni ta' 1055 qasab kwadri, u aċċessibbli minn numri 56, 57, 58 u 59 Victoria Avenue, Sliema, hija meħtieġa għal skop publiku, u illi l-akkwist tagħha għandu jkun għall-pussess u użu tagħha għal dak iż-żmien li l-ħtieġijiet tas-servizz publiku jitolbu; u li l-istess konvenut ġie anki notifikat b'avviż għall-ftehim. fejn l-awtorità kompetenti ndikatlu s-somma annwali li hija toffri bħala kumpens għall-pussess u użu tal-istess art; u illi l-konvenut ma aċċettax dan il-kumpens offert, u talab kumpens akbar; l-attur talab illi l-imsemmi Bord jgħoġbu jordna t-trasferiment a favur tiegħu b'użu u pussess tal-biċċa art fuq imsemmija, u jiffissa l-kumpens relattiv, u jagħti l-provvedimenti kollha meħtieġa skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Publiċi (Kap. 136 Liġijiet ta' Malta);

U illi quddiem dak il-Bord ġew sollevati diversi kwistjonijiet, u preċiżament dawk imsemmija fin-noti tal-konvenut u tal-attur tat-23 ta' Ġunju u tal-24 ta' Ottubru 1958 rispettivament; u ċjoè, fl-ewwel nota, tal-konvenut, illi l-art in kwistjoni ma għandhiex tiġi kunsidrata kollha bħala "an old urban tenement", għar-raġunijiet mogħtija f'dik in-nota, u f'dik tal-attur imsemmija, illi, jekk parti mill-art in kwistjoni, dik deskritta bħala plot A.B.C.D. Victoria Avenue, Sliema, fil-pjanta annessa ma' dawk il-proċeduri. sejra tiġi kunsidrata bħala "building site". allura din l-art għandha l-lum titqies bħala "building site" fl-area ta' 144 qasab kwadri, peress illi l-lum għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Att XXVII tal-1956, li emenda l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Publiċi;

U billi dawn il-kwistjonijiet jinfluwixxu fuq id-determinazzjoni tal-ammont pagabbli lill-konvenut. il-Bord imsemmi, b'deċiżjoni taż-17 ta' Novembru 1958. irriżerva d-definizzjoni tal-punti sollevati għad-deċiżjoni taċ-Chairman ta' dak il-Bord sedenti bħala Imħallef ta' din il-Qorti, u ordna illi l-proċedura meħtieġa għandha tinġieb il-quddiem

mill-attur fi żmien ħmistax il-ġurnata, u, jekk dan jonqos, għandha ssir mill-konvenut fi żmien ugwali; u sa dan ittant issospenda t-trattazzjoni ulterjuri ta' dak ir-rikors sakemm jiġu deċiżi b'mod definittiv il-punti sollevati; spejjeż riżervati;

U illi skond l-art. 25 (1) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 136) il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet, meta jiġi biex jiffissa l-kumpens, għandu josserva regoli stabbiliti, fosthom, skond l-art. 25 (2), illi l-kumpens li għandu jiġi ffissat għall-pussess u użu tal-"old urban tenement", u mhux ukoll għall-proprjetà tiegħu għandu jkun l-ammont ta' kera fis-sena ekwivalenti għall-kera tal-fond kif jidher fil-kotba tal-Uffiċċju għall-Valutazzjoni tal-Artijiet, peress illi l-art in kwistjoni toqgħod għad-definizzjoni mogħtija fl-istess Ordinanza ta' "old urban tenement";

U illi l-Att XXVII tal-1956, li emenda l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 136), għandu dispożizzjoni transitorja "ad hoc", ċara u non-ekwivoka, ta' indoli espressament retroattiva, b'mod illi fil-każijiet kollha fejn l-ammont tal-kumpens li għandu jitħallas ma jkunx ġie miftiehem bejn l-awtorità kompetenti u s-sid, jew fissat mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet, il-kumpens pagabbli għandu jiġi likwidat u mħallas a bażi tal-Ordinanza msemmija, kif effettivament emendata bl-Att imsemmi tal-1956;

U illi l-kwistjonijiet fuq imsemmija huma kontestati mill-konvenut, u l-Bord imsemmi, kif ġa ntqal, irriżerva d-definizzjoni tagħhom għad-deċiżjoni ta' dik il-Qorti;

Talab (1) li jiġi dikjarat u deċiż illi l-biċċa art li tagħmel sehem mill-artijiet ta' Capua Palace, Sliema, inkluż il-bini magħruf bħala Capua Palace, tad-dimensjoni ta' 1055 qasab kwadri, kif aħjar deskritta hawn fuq, għandha tiġi kunsidrata bħala fond urban ("old urban tenement"), u illi l-kumpens li għandu jitħallas lill-konvenut għall-pussess u użu tagħha għandu jiġi likwidat u mħallas a bażi kif pagabbli għall-"old urban tenement" skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Sko-

pijiet Publiċi (Kap. 136 tal-Liġijiet ta' Malta); (2) u illi, f'każ illi l-ewwel domanda hawn imsemmija ma tiġix milqugħa minn dik il-Qorti, jiġi dikjarat u deċiż illi għall-fissazzjoni tal-kumpens pagabbli mill-attur lill-konvenut għall-pussess u użu tal-biċċa art imsemmija għandhom jiġu wkoll applikati d-dispożizzjonijiet relattiviti tal-Att XXVII tal-1956, li emenda l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Publiċi (Kap. 136 tal-Liġijiet ta' Malta);

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta:— (1) Illi din il-kawża, skond l-art. 24 tal-Kap. 136 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha tkun deċiża miċ-Chairman tal-Land Arbitration Board bħala Imħallef ta' dik il-Qorti; (2) illi fil-meritu, id-domandi huma nfondati; (a) l-ewwel domanda għaliex l-art. 25(1) hu applikabbli biss għall-"purchase outright" tal-proprijetà, u mhux għall-kera li għandu jitħallas fil-każ preżenti; (b) it-tieni domanda hija wkoll infondata, għaliex id-dispożizzjonijiet tal-Att XXVII tal-1956 mhumiex applikabbli għall-każ preżenti; din il-liġi riedet tikkolpixxi l-art li biċ-ċar hi raba' moxa u għandha fil-kors normali tibqa' hekk għal ħafna żmien, u li hi elevata artifiċjalment għall-importanza ta' art tal-bini, u mogħtija valur bħala tali, a detriment tal-erarju publiku, talli biss tinzerta għandha faċċata għal trieq fuq pjan regolatur, jew tkun f'raġġ ta' żewġ mili minn Porta Reale (ara Objects and Reasons tal-Liġi); (3) illi s-siti in kwistjoni ma għandhomx jiġu kunsidrati ħlief bħala parti mibnija mill-Palazz ta' Capua; infatti ż-żewġ kontendenti kkunsidrawhom bħala tali; l-E.T. l-Gvernatur hekk għajtilhom fid-Dikjarazzjoni, u l-Public Works Department hekk stmahom, u l-eċċipjent mhux biss jgħajtilhom u jaċċettahom bħala siti fabbrikabbli fl-aħjar parti kompletament żviluppata u mibnija tas-Sliema, anzi jsostni li huma parti ntegrali tal-Palazz, u fihom ħitan regolari ta' ħxuna doppja fuq Victoria Avenue, u tliet bibien fuq it-trieq, fihom passaġġi u loġġjati li jikkommunikawhom mal-Palazz proprju, "tennis courts" li huma in attività, u ftit siġar; għalhekk mhux applikabbli l-Att tal-1956, għa-

liex il-fond "de quo", deskritt u stmat bħala sit fabbrikabbli, huwa anżi sit fabbrikabbli;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' April 1960, li biha laqgħet l-ewwel talba tal-attur limitatament għall-Palazz "ut sic" u għall-art ta' madwaru markata kif jingħad fis-sentenza D.C.E.F.G.H., u rrespinġietha għall-kumplament; u laqgħet it-tieni talba limitatament għall-art markata A.B.C.D.; u ċaħditha għall-kumplament; l-ispejjeż jitħallsu bin-nofs; wara li kkunsidrat;

Illi, kif jidher minn nota tal-attur fol. 15, il-partijiet tal-fond "de quo" li jiffurmaw oġġett tal-kawża preżenti huma dawk indikati fil-pjanta fol. 7 tal-proċess quddiem il-Land Arbitration Board fl-ismijiet "Cuschieri vs. Balzan", u markati A.B.C.D. u D.C.E.F.G.H.;

Illi l-attur, skond l-ewwel talba taċ-ċitazzjoni, qieged jikkunsidra l-fond "kollu" esproprijat bħala "old urban tenement", mentri l-konvenut jippretendi illi, barra l-Palazz "ut sic", l-art kollha li hemm għandha tiġi kunsidrata bħala "building site";

Illi f'dan ir-rigward hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn il-Palazz u l-ispazju ta' madwaru markat fuq l-imsemmija pjanta D.C.E.F.G.H. u l-art markata A.B.C.D. Kwantu għall-Palazz u l-ispazju ċirkostanti D.C.E.F.G.H., fir-relazzjoni tal-perit C. Manara tal-15 ta' Awissu 1947, u li fuqha saret l-esproprijazzjoni "de qua", jingħad hekk:— "It is felt that on that same date (i.e. 31.3.1939) the land around Capua Palace within the area marked D.C.E.F.G.H. constituted the reasonable minimum of open space that was necessary to isolate the said palace in such a way as to permit of its standing on its own merits as an independent unit"; jiġifieri l-ispazju fuq imsemmi madwar il-Palazz għandu jittieħed bħala aċċessorju neċessarju tal-istess Palazz, u kwindi bħala parti ntegrali tiegħu; u billi l-fond, meta ġie esproprijat, kien jinsab tajjeb għall-użu tiegħu fil-31 ta' Marzu 1939 (ara verbal fol. 17), huwa jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "old urban tenement" kontemplata fl-art. 2 Kap. 136 tal-Liġijiet ta' Malta. Kwantu għall-art markata A.B.C.D., l-attur isostni li tagħmel ħaġa waħda mal-

Palazz, u għalhekk anki hija tikkostitwixxi "old urban tenement" mal-bqija; iżda l-konvenut isostni illi tikkostitwixxi "building site" fis-sens tal-liġi. Anki hawn ta' min jirrikorri għall-imsemmija relazzjoni Manara, fejn jingħad illi "the two plots of land (kompriża dik markata A.B.C.D.) were building sites on the 31st March, 1939"; u *l-kumpens tagħhom* ġie mill-perit kalkulat, u in segwitu mill-attur offert, bħala sit fabbrikabbli; u l-attur fin-nota tiegħu fol. 42 tal-proċess l-ieħor issottometta testwalment illi "l-istima tal-Perit Manara, A. & C.E., għandha l-lum titqies bħala "building site" f'parti minnha biss, ċjoè fl-area ta' 141 square canes li jiġu immedjatament fuq Victoria Avenue, Sliema; u dan *evidentement għall-finijiet tal-emendi ntrodotti* mill-Att XXVII tal-1956;

Illi l-konvenut, fil-waqt li jsostni fuq in-natura tal-art bħala sit fabbrikabbli, jippretendi illi hija ma taqgħax taħt l-emendi fuq riferiti, (a) għaliex minn qabel ma daħlu in vigore *dawk l-emendi kien hemm* bejn il-partijiet ftehim ammontanti għal kuntratt ġudizzjali, u (b) għaliex ir-"ratio legis" ta' dawk l-emendi ma tapplikax għall-art in kwistjoni;

Illi, dwar l-ewwel motiv, għandu jingħad illi l-kuntratt ġudizzjali ma jiddifferix mill-kuntratt extra-ġudizzjali, u jeħtieġ *ikollu l-istess elementi sostanzjali,* speċjalment ir-rekwiżit tal-kunsens taż-żewġ partijiet. Jgħid Cujaccio:— "Judicio quidem contrahi dicitur, sed quo modo? Judicium res eccepire et contestare coacti non sponte, ut in caeteris negotiis" (Opere, Vol. III, paġ. 1264). Dan huwa wkoll il-konċett modern tal-kuntratt ġudizzjali. "Per aver esistenza deve essere costituito nel modo stesso di un contratto" (Coen, Rep. Gen. Procedimento Civile, p. 399). U f'dan is-sens ukoll hija l-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XXVI-I-223);

Issa, meta jiġu applikati dawn il-prinċipji, jidher biċ-ċar li l-allegat kuntratt ġudizzjali ma twieled qatt. Difatti, l-attur fl-assunt tiegħu kien *isostni illi l-fond "kollu"* esproprijat għandu jitqies bħala "old urban tenement", mentri l-konvenut kien u għadu isostni illi, barra l-Palazz "ut sic", il-bqija huwa kollu sit fabbrikabbli; u dan apparti li

anki f'każ ta' ftehim, dan ma kien jista' qatt jidderoga għall-preċiżi dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Esproprijazzjoni (arg. art. 20(1) u 25(2) Kap. 136), li indubbjament hi ta' ordni publiku (arg. art. 1028 Kodiċi Ċivili);

Illi, ladarba ftehim ma kienx hemm, l-Att XXVII tal-1956 jirretroaġixxi, u huwa applikabbli għall-każ taħt eżami;

Illi mhix sostanzjali s-sottomissjoni tal-konvenut illi, ċjoè, il-pretensjoni tal-attur mhix skond ir-"ratio legis" kif inhi spjegata fl-"Objects and Reasons" li ġew publikati flimkien mal-abbozz tal-Att fuq imsemmi; għaliex il-liġi in vigore hija ċara, u tikkomprendi kull art li hija fabbrikabbli mingħajr ebda distinzjoni;

Rat in-nota li biha l-konvenut appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata, billi jiġi dikjarat u deċiż (1) li ċ-ċitazzjoni hija nulla, peress li messu l-"Order to treat" ġie notifikat ukoll lid-"directum" u "subdirectum dominium owners", li l-Gvern kien jaf bihom mill-ewwel; u in linea subordinata, u f'każ li din l-ewwel talba ma tiġix akkolta, li jiġi deċiż illi l-fondi li tagħhom l-Gvern ħa l-"possession and use" fiż-17 ta' Settembru 1948 huma l-utili dominju tal-fond indikat fiċ-ċitazzjoni, possedut mill-appellant bħala suġġett għal £1055 ċens u subċens perpetwu, u kif tassew kien jinsab possedut l-istess fond fl-1948, u għalhekk is-sentenza tiġi revokata għall-bqija; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta tal-appellat, li talab li s-sentenza appellata, prevju riġett tal-appell, tiġi konfermata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

Rat in-nota tal-appellant tal-21 ta' April 1961, li biha rrinunzja għall-ewwel domanda magħmula fil-petizzjoni, li ċjoè jiġi dikjarat u deċiż illi ċ-ċitazzjoni hi irrita u nulla billi l-ordni "to treat" ma ġiex notifikat lill-"owners" tad-dirett u subdirett dominju, u żamm ferm l-appell għall-bqija;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

L-esproprjazzjoni f'din il-kawża tirrigwarda l-bini "ut sic" magħruf bħala Capua Palace flimkien ma' biċċa art madwaru fuq pjanta fol. 7 tal-proċess l-ieħor markata bl-ittri D.C.E.F.G.H., li fis-sentenza appellata ġiet kunsidrata bħala li tagħmel ħaġa waħda miegħu, u biċċa art oħra f'dik il-pjanta markata bl-ittri A.B.C.D. li f'dik is-sentenza ġiet trattata separatament;

Billi l-attur akkweta ruħu għas-sentenza appellata, għaliex għaddiet in ġudikat, u għalhekk hu fuq il-bażi tal-imsemmija distinzjoni, li fil-limiti tagħha hi vantaġġuża għall-appellant, li għandu jiġi kunsidrat l-appell;

L-ewwel kwistjoni hi jekk "Capua Palace" bil-biċċa art D.C.E.G.F.H. għandux jitqies bħala "old urban tenement", li l-kumpens li għandu jitħallas għall-pussess u użu tiegħu għandu jkun likwidat u mħallas kif provvdut għall-"old urban tenements" skond id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 136;

L-Ewwel Onorabbli Qorti solviet din il-kwistjoni affermattivament; u din il-Qorti ma tistgħax tara kif is-soluzzjoni tista' tkun xort'oħra. "Old urban tenement", skond l-art. 2 tal-imsemmija liġi, ifisser "an urban building including dwelling houses...... which, apart from fittings decorations and alterations, even if structural, was complete or ready for use on the 31st day of March, 1939......" Mhux anqas biss allegat illi din id-definizzjoni ma tapplikax għal Capua Palace bil-biċċa art ta' madwaru li tagħmel miegħu. Dan il-palazz hu bini antik. li kien tlesta u ġie okkupat bħala dar bosta u bosta snin qabel l-1939. Il-palazz kellu miegħu art wisq akbar minn dik il-biċċa, iżda dik kienet il-minimum neċessarju "to isolate the said palace in such a way as to permit of its standing on its own merit as a unit"; u ma hemmx dubju li għalhekk ġiet sewwa kunsidrata aċċessorja tiegħu u ħaġa waħda miegħu (cfr. Vol. XXVI-II-23);

Ġa ladarba dan hu "old urban tenement", isegwi inevitabbilment illi l-kumpens għall-esproprijazzjoni tiegħu għandu jiġi kalkulat bħala tali kif tiddisponi l-liġi ċitata

fl-art. 25, skond id-dispożizzjonijiet tiegħu li jgħoddu għall-każ, a bażi ta' "acquisition rent";

It-teżi tal-appellant kif esposta fil-petizzjoni hija illi dawk id-dispożizzjonijiet mhumiex applikabbli, għaliex, meta sar in"Notice to treat" fl-1948, il-fond kien possedut minnu bħala utili dominju li għalich kien iħallas ċens annwu kalkulat bil-lira l-kasba kwadra, u għalhekk ma kienx l-istess "old urban tenement" li kien fl-1939. L-esproprijazzjoni, għalhekk, jgħid l-appellant, ma kienetx fuq l-"old urban tenement", iżda fuq dak l-utili dominju, u l-kumpens għalieh għandu jkun fuq il-valur tal-fond bħala utili dominju suġġett għall-imsemmi ċens;

Din is-sottomissjoni ma ssib ebda bażi fil-liġi, u toħloq distinzjoni u kriterju li fil-liġi assolutament ma jeżistux. Id-definizzjoni ta' "old urban tenement" u "acquisition rent", kif ukoll il-kriterju ta' kif għandu jiġu meqjus l-"acquisition rent" għall-pussess u użu ta' fond simili, ġew introdotti bl-Ordinanza XLV tal-1946, żmien qabel ma ttieħed pussess tal-fond in kwistjoni. Dak il-kumpens hu raggwaljat b'riferenza għall-fond, u mhux għat-titolu jew mod tat-"tenure" tiegħu f'idejn l-esproprijat. Fil-każ ta' "possession and use", il-kumpens provvdut mill-liġi fil-forma ta' "acquisition rent" iħares lejn ir-"rental value" jew "yearly rent" tal-fond, indipendentement miċ-ċens jew piżijiet oħra li għalihom dak il-fond jista' jkun suġġett. Dak li bl-esproprjazzjoni jiġi meħud għal "possession and use" huwa l-fond materjalment, mhux it-titolu li bih l-esproprijat ikun iżomm il-fond. U l-kriterju li bih għandu jiġi likwidat l-"acquisition rent", ċjoè il-korrispettiv proprju stabbilit mil-liġi għal dik l-għamla ta' esproprijazzjoni hu dettaljatament stabbilit għall-"old urban tenements" fis-subart. (2), (3), (4), (5), (6) u (7) tal-imsemmi art. 25 tal-liġi; u dan il-kriterju l-liġi tant tinsisti fuqu, illi anki meta l-awtorità u s-sid esproprijat jiftehmu fuq l-ammont tal-kumpens, "the amount of acquisition rent . . . . shall be determined in every case in terms of the relevant provisions of section 25" (art. 20(1) );

Manifestament, tkun astrazzjoni skompanjata minn kull sens ta' realtà illi l-Palazz Capua, bil-biċċa art aċċes-

sorja li tagħmel miegħu, jitqies "building site", li mhux "urban tenement". Ċertament, ġenerikament huwa "land"; iżda dan għaliex, skond id-definizzjoni tal-liġi. "land" includes any building . . . ." Speċifikament, però, huwa "old urban tenement", ossija "urban building," kif ġa ntqal;

Jista' jkun, kif donnu jidher, illi l-liġi f'każijiet partikulari tikkaġuna "hardship" bil-kumpens li tippermetti; iżda una volta li l-kwistjoni tkun quddiem il-Qorti, din mhix awtorizzata li tiskarta jew tinjora l-liġi, jew tissostitwixxi l-kriterju tagħha għal dawk li l-liġi espressament, kjarament u tasattivament, tistabbilixxi;

It-tieni kwistjoni tirrigwarda l-biċċa art markata fuq il-pjanta bl-ittri A.B.C.D. Din ġiet kunsidrata bħala "building site" għaliha, u l-kwistjoni hi jekk għall-finijiet tal-kumpens pagabbli għall-pussess u użu tagħha japplikawx l-emendi li saru fil-liġi bl-Att numru XXVII tal-1956;

Fuq din il-kwistjoni l-appellant fil-petizzjoni ma qal xejn speċifikatament. Dan forsi għaliex it-teżi tiegħu ġenerali hi illi għall-art kollha kwindi inkluża din il-parti, il-kumpens għandu jkun bil-istess rata ta' ċens li huwa nnifsu jħallas. Din il-pretensjoni hi manifestament infondata fi kwalunkwe każ, in vista tad-dispożizzjonijiet ċari tas-sub. (9), (10), (11) u (12) tal-art. 25 tal-liġi, u għar-raġunijiet ġa fuq esposti dwar l-ewwel kwistjoni;

Dwar l-applikabbilità jew le tal-emendi tal-1956, għandu jingħad illi dawn jista' jkollhom rilevanza mhux kwantu għall-kriterju li bih għandu jiġi likwidat il-kumpens tal-art bħala "building site". Li hi "building site", tant skond il-liġi kif kienet qabel kemm skond dawk l-emendi, mhux kontestat minn ħadd. Kwantu mbgħad għall-kriterju tal-kumpens, l-Att tal-1956 ma apporta ebda emenda. Iżda, u hawn qegħdha r-rilevanza, b'dawk l-emendi ġiet limitata l-estensjoni sakemm art li hi "building site" titqies tali, billi bis-subart. (3) tal-art. 17 ġdid, sostitwit bl-art. 6 tal-Att tal-1956, ġie stabbilit illi l-"maximum depth" ikun "twelve canes";

F'dak l-Att hemm id-dispożizzjoni transitorja tal-art.

7, li, safejn tista' tkun rilevanti, tgħid illi:— "The amendments of the principal law made by . . . . section 6 . . . . . shall apply to all land acquired after the commencement of this Act . . . . . (a) Notwithstanding that, in respect of any such land, a Declaration by the Governor under section 3 of the principal law may have been made and published, or otherwise proceedings for the acquisition thereof may have been taken, prior to the commencement of this Act, unless the amount of compensation payable in respect of such land shall have already been agreed upon between the competent authority and the owner, or assessed by the Land Arbitration Board . . . . .";

Il-kwistjoni tirraġġira ruħha speċjalment dwar it-tifsir tal-kliem fuq sottolineati, ċjoè "acquired after the commencement of this Act." Id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur saret fil-21 ta' Ottubru 1948, u n-"Notice to treat" inbagħat fiż-17 ta' Novembru tal-istess sena. Dawn, in vista talparagrafu (a) fuq riportat, per sè ma jfissrux illi d-dispożizzjoni transitorja ma għandhiex tapplika. Din l-applikazzjoni anqas hi eskluża b'xi ftehim dwar il-kumpens, għax ftehim tali għadu s'issa stess ma ntlaħaqx, u dan il-kumpens anqas s'issa stess għad ma ġie ffissat mill-Land Arbitration Board;

Ir-rikors biex il-Bord jordna (lill-konvenut) jagħti l-użu u l-pussess tal-art in kwistjoni u jiffissa l-kumpens sar fit-3 ta' Marzu 1958 (fol. 20 tal-proċess tal-Bord), ċjoè wara l-bidu tal-Att tal-1956. Ma jidherx mill-proċess illi ordni għall-għoti ta' pussess fil-fatt qatt ingħata mill-Bord. Dan preżumibbilment għaliex l-użu u l-pussess tal-art kien ġa minn snin qabel effettivament ittieħed mill-awtorità kompetenti sew qabel l-1956;

Fil-kawża "Satariano vs. Salomone", deċiża mill-Prim'Awla fis-26 ta' Mejju 1958, u fil-kawża "Curmi vs. Salomone" deċiża mill-istess Qorti fl-istess ġurnata, ġie ritenut illi fil-każ ta' esproprjazzjoni b'xiri assolut il-kelma "acquired" ma tfisserx is-sempliċi teħid materjali tal-pussess mill-awtorità kompetenti, iżda t-trasferiment b'att publiku, li hu meħtieġ essenzjalment għall-akkwist taddominju. Fil-fehma tal-Qorti, din ir-raġuni ma tgħoddx

għall-esproprjazzjoni "for possession and use", li għaliha, la skond il-liġi ġenerali u lanqas skond il-liġi speċjali, ma hemm preskritta l-forma bil-kitba għall-eżistenza tagħha. Il-Qorti jidhrilha illi art li tiġi esproprjata għall-pussess u użu biss għandha, għall-finijiet tad-dispożizzjoni in kwistjoni, titqies li ġiet "acquired" meta l-awtorità kompetenti, wara d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur, fiżikament tieħu pussess leġittimu tagħha taħt idejha u tibda tużaha;

Jekk dan hu hekk, kif il-Qorti tirritjeni li hu, allura l-art in kwistjoni ma ġietx "acquired after the commencement" tal-Att tal-1956, u l-emendi li saru fil-liġi prinċipali bl-artikolu 6 ma jipplikawx għaliha;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu l-laqgħet l-ewwel talba tal-attur limitatament għall-Palazz "ut sic" u għall-art ta' madwaru markata fil-pjanta fl-ittri D.C.E.F.G.H. u rrespinġietha għall-kumplament, u tirrevoka l-istess sentenza in kwantu laqgħet it-tieni talba limitatament għall-art markata A.B.C.D., billi, minflok, tiċħad dik it-talba;

L-ispejjeż tal-prima istanza jibqgħu kif regolati bis-sentenza appellata, u dawk tal-appell jitħallsu wkoll bin-nofs.